**Tribunal Industrijali**

**Deċiżjoni Preliminari Nru: 2955**

Kaz Numru 4163/DA

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Hemanta Bhandari (0175796A)

u

Elite Network International Ltd

*dwar tkeċċija mill-impjieg allegata inġusta*

**Chairperson: Dr Deborah Attard LL.D.**

Illum il-Ħamis 9 ta' Novembru 2023

It-Tribunal,

Ra r-rikors tad-29 ta' Marzu 2023, li permezz tiegħu r-rikorrent allega li l-impjieg tiegħu ġie tterminat b'mod vindikattiv u nġust u mhux skond il-liġi u talab li d-danni sofferti minnu jiġu likwidati u jingħata kumpens għal dawk il-flejjes illi tilef.

Ra r-risposta tal-kumpanija ntimata li permezz tagħha eċċepiet (1) illi l-att promutur ta' dawn il-proċeduri ntavolati mir-rikorrent huwa irritu u null għax ma jsegwix id-dettami tal-liġi dwar il-forma tiegħu; u (2) illi t-talbiet proposti huma improponibbli fis-sens illi kien ir-rikorrent innifsu li rrizenja mill-impjieg tieghu mas-soċjeta' ntimata u saħansitra ħadem il-perjodu tal-avviz relattiv, u li b'hekk huwa palezi li ma kinitx is-soċjeta' ntimata li tterminatlu l-impjieg tiegħu u għalhekk il-kaz ma jreġix; (3) l-emendar tar-reġistrazzjoni tar-raġuni tat-terminazzjoni tal-impjieg ma tinkwadrax fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal u sa fejn huma ndirrizati lejn dan il-fini, t-talbiet tar-rikkorent għandhom ifallu; (4) illi l-fatti esposti fl-att promutur huma respinti bħala invertieri u infondati fil-fatt u fid-dritt jekk mhux saħansitra kalunjużi u malafamati fil-konfront tas-soċjeta' ntimata u d-diriġenti tagħha; (5) illi ebda danni u kumpens ma huma dovuti mis-soċjeta' ntimata għaliex kien ir-rikorrent stess li temm ir-relazzjoni ta' mpjieg volontarjament u kkaġuna danni imperti; (6) illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandom jiġu miċħuda.

Ra d-dikjarazzjoni tal-każ tar-rikorrent;

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent;

Ra d-dokumenti esebiti;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ra li fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2023, il-partijiet qablu li l-kaz jitħalla għad-deċċizjoni preliminari dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tal-kumpanija ntimata.

Ikkunsidra:

Illi din hija deċiżjoni preliminari dwar it-tieni eċċezzjoni u cioe' illi t-talbiet proposti huma improponibbli fis-sens illi kien ir-rikorrent innifsu li rriżenja mill-impjieg tiegħu mis-soċjeta' ntimata u saħansitra ħadem fil-perjodu tal-avviz relattiv. B'hekk ma kinitx is-soċjetà ntimata li tterminatlu l-impjieg tiegħu.

Madankollu wieħed ma jistax jibbaża biss fuq messaġġ fuq il-mobile min-naħa tal-impjegat u ma jidħolx iktar fil-fond għal x'kien li wassal lir-rikorrent jaġixxi b'dan il-mod.

Wieħed irid issegwi l-proċess mittieħed biex il-partijiet waslu f'dan il-punt. Huwa għalhekk li t-Tribunal mhux tal-fehma li tkun milqugħa t-tieni eċċezzjoni mingħajr ma jiġi eżaminat il-każ fl-intier tiegħu.

Għal dawn ir-raġunijiet, dan it-Tribunal jiddeċiedi billi jiċħad l-eċċezzjoni preliminari dwar riżenja mir-rikorrent u jordna il-prosegwiment tal-kaz.

(Iffirmat)

**Dr Deborah Attard**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**